MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 61

**Il-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023**

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Carmela Grima – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

*Kunsill Lokali San Lawrenz*
*22A, Triq id-Duluri*
*San Lawrenz*
*Tel: 21563556*

## 61.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

61.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

61.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 61.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

61.2.1 Is-Sindku qal li kellu rikjesti mir-resident sabiex issir bozza oħra fi Triq id-Duluri għaliex hemm parti fid-dlam. Il-Kunsill qabel unanimament.

61.2.2 Is-Sindku qal li qed jipproponi sabiex ir-roti tal-elettriku jiġu mikrija lir-residenti għal-tul ta' madwar sena għaliex għall-ftit ġranet m'humiex jinkrew. Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu garanzija ta €200.00 għal kull rota.

61.2.3 Is-Sindku qal li jixtieq jirraporta li hu sodisfatt bil-proġett tad-Dwejra issa li wasal fi tmiemu. Is-Sindku kompla jgħid li l-generator il-qadim inbiegħ għall-€3,000, li kien l-ammont li issuġerixxa l-Inġinier, sabiex issa nagħmlu spazju għall-ġdid.

61.2.4 Is-Sindku qal li rigward il-ħadid tal-play set tal-playing field qed jistenna stima.

61.2.5 Is-Sindku qal li fi żmien qarib se jinħareġ tender li jkun jinkludi l-bollards u l-maintenance tal-pjazza bħala parti mill-iskema tad-DLG flok l-station tar-roti. Il-Kunsill qabel unanimament.

61.2.6 Is-Sindku informa li l-arblu li applikajna għalih fi Triq San Lawrenz sar u inqalgħu l-fanali.

61.2.7 Is-SE qalet li kellha rikjesta sabiex isiru iktar mezzi ta sigurta' fi Triq Cangura minħabba s-sewqan żejjed. Is-Sindku qal li se jinforma lill-pulizija sabiex ikunu stazzjonati bl-speed gun f'dawk l-inħawi. Il-Kunsill qabel unanimament.

61.2.8 Is-SE qalet li irċivejna kwotazzjoni mingħand l-ERA sabiex il-generator il-ġdid ikollu manutenzjoni għall-sentejn full service għall-prezz ta' €1616 - li jinkludi il-parts u labour kollha. Il-Kunsill qabel unanimament li jħallas għalihom imbagħad nagħmlu l-claim għar-rifużjoni mingħand l-ERA.

60.2.9 Is-SE qalet li waslet email mingħand Tech.mt sabiex jaraw bħala Kunsill irridux nibdew inħallsu għall-servizzi tal-WIFI f'postijiet pubbliki li qabel kienu b'xejn. Il-Kunsill qabel unanimament li ma nħallsux.

61.2.10 Is-SE qalet li daħlet korrispondenza rigward youth exchanges. Is-Sindku ippropona li nieħdu sehem għas-sajf 2024. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 61.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

61.3.1 Il-kunsillier Joseph Cauchi qal li xtaq jirraporta li mal-pole ta-ħdejn iċ-Ċimiterju hemm fuse aperta. Is-SE qaltlu li se tirraporta lill-Enemalta.

## 61.4 Proġett tal-GAGF nr.2;

61.4.1 Is-Sindku qal li wasal il-kuntratt iffirmat ta' dan il-proġett ukoll u nistgħu nibdew naħsbu għat-tenders għalih. Wara li s-Sindku fakkar lill-Kunsill fl-avvenimenti li jikkonsisti fihom dan il-proġett, sar qbil li nsejħu laqgħa mal-stakeholders li jinkludu l-football club, folk group u Gozo Business Chamber sabiex nibdew nfasslu t-tenders u l-avvenimenti.

## 61.5 Konkors Letterarju;

61.5.1 Is-Sindku ippropona li s-sena nerġgħu intellgħu l-istess konkors peress li s-sena l-oħra kien ta' suċċess. Is-Sindku qal li hu prepara ktieb bis-siltiet tas-sena l-oħra u se jkun għall-bejgħ. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 61.6 Kuntratt tal-Knis;

61.6.1 Is-Sindku ippropona li peress issa se jiġi sospiż il-kuntratt f'Diċembru, noffru l-istess xogħol lil-ekx kennies li jaħdem fir-raħal. Is-SE qalet li f'dak il-każ irid jinħareġ tender jew kwotazzjoni.

## 61.7 Neighbourhood Watch;

61.7.1 Is-Sindku qal li f'Jannar ta 2024 il-pulizija se issejjaħ laqgħa mar-residenti ta' San Lawrenz sabiex tfisser kif se tkun taħdem in-neighbourhood watch.

## 61.8 Infakkaru t-30 sena tal-Kunsill;

61.8.1 Is-Sindku ippropona li s-s-sena d-dieħa meta l-Kunsill ta' San Lawrenz jagħlaq 30 sena, nagħtu tifkira żgħira lill-kull min kien parti mill-Kunsill. Is-Sindku ippropona li din is-serata issir meta niftħu l-open space il-ġdid. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 61.9 Armar u Attivitajiet tal-Kunsill;

61.9.1 Il-Sindku qal li hu kien qed jipproponi sabiex tfal sal-year 5 biss ikunu akkompanjati minn adult u jkun responsabbli personali hu tagħhom. Wara diskussjoni sar qbil li t-tfal kollha iridu jkunu akkompanjati minn adult jew gwardjan il-ġurnata kollha tal-ħarġa.

Is-Sindku qal ukoll li l-presepju li se jingħata mill-Kultura m'huwiex biżejjed sabiex iżejjen il-pjazza allura qed jipproponi sabiex inżejnu bil-Christmas trees bħas-soltu, inkluż it-tiżjien fl-għoli bid-dawl u mal-arbli. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 61.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

61.10.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

61.10.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 61.11.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

61.11.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:00 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 27 ta' Diċembru 2023 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv